MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 102/2009

**HSBC Bank Malta p.l.c (C3177)**
**vs**
**John Pisani (ID 327231M) u**
**Mary Pisani (ID 244936M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-bank attur fil-5 ta' Frar, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tal-intimati fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf u mitejn u hmistax Euro u disgha u tmenin cent (€28,218.89) bhala l-kapital ta' flus mislufa lill-istess intimati skond facilita' ta "overdraft" moghti lilhom taht il-patt li kienet ritirabbli mill-bank b'semplici rikjesta u giet irtirata mill-istess socjeta' rikorrenti permezz ta' ittra bonarja tad-29 ta' Ottubru 2007 (Dok 'A') flimkien mas-somma ta' mitejn u wiehed u disghin Euro u tmintax il-cent (€291.18) bhala imghaxijiet

ikkalkulati sat-13 ta’ Jannar, 2009 skond prospett hawn anness u mmarkat Dok ‘B’.

2. Illi l-intimati, konjugi Pisani, gew interpellati permezz ta’ ittra ufficcjali presentata fl-1 ta’ Frar, 2008, sabiex huma ihallsu dawn l-ammonti dovuti lis-socjeta’ rikorrenti, izda baqghu inadempjenti.

3. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organisazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) stante illi l-intimati m’ghandhom ebda difiza xi jressqu kontra t-talbiet rikorrenti, u qieghed jigi hawn anness affidavit u mmarkat Dokument “CF”.

Talbet, previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun u xieraq, lill-intimati jghidu ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

a) tisma’ u tiddeciedi din il-kawza b’dispensa tas-smiegh a tenur tal- Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organisazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), u

b) tikkanonizza lill-intimati debituri tas-socjeta’ rikorrenti fis-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf u mitejn u hmistax il-Euro u disgha u tmenin centezmu (€28,215.89) bhala l-kapital ta’ flus mislufa lill-istess intimati skond facilita’ ta “overdraft” moghti lilhom li giet irtirata mill-istess socjeta’ rikorrenti, flimkien mas-somma ta’ mitejn u wiehed disghin Euro u tmintax il-cent (€291.18) bhala imghaxijiet ikkalkulati sat-13 ta’ Jannar 2009 u li jigu ikkundannati jhallsu l-imsemmija ammonti kanonizzati lis-socjeta’ rikorrenti, bl-imghaxijiet ulterjuri ta’ 8 fil-mija fis-sena mill-14 ta’ Jannar 2009 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjes kontra l-intimati inkuzi

dawk tal-ittra ufficcjali tal-1 ta’Frar, 2008 u l-istess intimati jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-Prokuratur Legali Catherine Fenech u in-nota tax-xhieda ta’ l-Bank attur;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat in-nota tal-konvenuti tal-15 ta’ April, 2009 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna Iill-konvenuti sabiex ihallsu lil Bank attur s--somma ta' tmienja u ghoxrin elf u mitejn u hmistax il-Euro u disgha u tmenin centezmu (€28,215.89) bhala l-kapital ta’ flus mislufa lill-istess konvenuti skond facilita’ ta “overdraft” moghti lilhom li giet irtirata mill-istess socjeta’ attrici, flimkien mas-somma ta’ mitejn u wiehed u disghin Euro u tmintax il-centezmu (€291.18) bhala imghaxijiet ikkalkulati sat-13 ta’ Jannar 2009; bl-imghaxijiet ulterjuri ta’ 8 fil-mija fis-sena mill-14 ta’ Jannar 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------